2023/2195

17.10.2023

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2023/2195**

**tas-16 ta’ Ottubru 2023**

**li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta’ Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK ([1]) dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran.

(2) Fl-14 ta’ Lulju 2015, iċ-Ċina, Franza, il-Ġermanja, il-Federazzjoni Russa, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti, bl-appoġġ tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (“Rappreżentant Għoli”), laħqu ftehim mal-Iran dwar soluzzjoni komprensiva fit-tul għall-kwistjoni nukleari Iranjana. L-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta’ Azzjoni Komprensiv Konġunt mal-Iran (PAKK) kellha tiżgura n-natura esklużivament paċifika tal-programm nukleari Iranjan, u tipprevedi t-tneħħija totali tas-sanzjonijiet kollha relatati mal-kwistjonijiet nukleari.

(3) Fl-20 ta’ Lulju 2015, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni (UNSCR) 2231 (2015) li tapprova l-PAKK, tħeġġeġ l-implimentazzjoni sħiħa tagħha skont l-iskeda ta’ żmien stabbilita fil-PAKK u tipprevedi azzjonijiet li għandhom isiru f’konformità mal-PAKK.

(4) Fl-20 ta’ Lulju 2015, il-Kunsill laqa’ u approva l-PAKK u impenja ruħu li jżomm mat-termini tiegħu u jsegwi l-pjan ta’ implimentazzjoni maqbul. Il-Kunsill appoġġa bis-sħiħ ukoll ir-Riżoluzzjoni 2231 (2015) tal-UNSCR.

(5) L-impenn li jitneħħew il-miżuri restrittivi tal-Unjoni kollha relatati mal-qasam nukleari skont il-PAKK huwa bla preġudizzju għall-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim speċifikat fil-PAKK u għall-introduzzjoni mill-ġdid tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni f’każ ta’ nuqqas ta’ eżekuzzjoni sinifikanti mill-Iran tal-impenji tiegħu skont il-PAKK.

(6) Fl-14 ta’ Jannar 2020, ir-Rappreżentant Għoli bħala Koordinatur tal-Kummissjoni Konġunta tal-PAKK irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta’ Franza, tal-Ġermanja u tar-Renju Unit li tirreferi kwistjoni dwar l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Iran skont il-PAKK lill-Kummissjoni Konġunta għal soluzzjoni permezz tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim, kif stipulat fil-paragrafu 36 tal-PAKK.

(7) Fl-14 ta’ Settembru 2023, ir-Rappreżentant Għoli bħala Koordinatur tal-Kummissjoni Konġunta tal-PAKK irċieva ittra mill-Ministri għall-Affarijiet Barranin ta’ Franza, il-Ġermanja u r-Renju Unit relatata mal-implimentazzjoni tal-PAKK. Il-Ministri għall-Affarijiet Barranin iddikjaraw li l-Iran kien f’nuqqas ta’ konformità mill-2019 u qiesu li dan ma kienx ġie solvut permezz tal-Mekkaniżmu għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tal-PAKK. Huma esprimew l-intenzjoni tagħhom li ma jieħdux il-passi rigward it-tneħħija ta’ aktar miżuri restrittivi f’Jum ta’ Tranżizzjoni tal-PAKK fit-18 ta’ Ottubru 2023.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta’ Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

(8) Il-Kunsill iqis li l-Unjoni għandha raġunijiet validi biex wara Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK iżżomm il-miżuri restrittivi kontra ċerti persuni u entitajiet elenkati fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK u l-Annessi VIII u IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 ([2]). Għalhekk, l-ismijiet ta' dawk il-persuni u l-entitajiet jenħtieġ li jiġu ttrasferiti mill-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK għall-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni u mill-Anness VIII tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran għall-Anness IX ta' dak ir-Regolament.

(9) Il-Kunsill iqis ukoll li l-Unjoni għandha raġunijiet validi biex wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK iżżomm il-miżuri restrittivi dwar servizzi ta' messaġġi finanzjarji, relatati mas-settur tat-trasport, relatati ma' attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u servizzi assoċjati, dwar metalli u servizzi assoċjati, dwar software u servizzi assoċjati, u dwar armi u servizzi assoċjati.

(10) Il-Kunsill iqis ukoll li l-Unjoni għandha raġunijiet validi biex wara l-Jum ta' Tranżizzjoni tal-PAKK ma titterminax il-miżuri restrittivi, li ġew sospiżi f'Jum l-Implimentazzjoni tal-PAKK bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 ([3]).

(11) Jenħtieġ għalhekk li d-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-16 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
T. RIBERA RODRÍGUEZ

---

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1863 tat-18 ta' Ottubru 2015 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU L 274, 18.10.2015, p. 174).

*ANNESS*

I. Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK, jitħassru l-entrati kollha.

II. L-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", jiżdiedu l-entrati li ġejjin mal-lista stipulata taħt is-subintestatura "A. Persuni":

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "46. | Mohammad ESLAMI<br>(محمد اسلامی) | Data tat-Twelid: 23.9.1956<br>Post tat-Twelid: Isfahan, Iran<br>Funzjoni: Kap tal-Atomic Energy Organization tal-Iran; Viċi President tal-Iran<br>Grad: Brig. Ġeneral<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Nru tal-passaport: D10008684 (Passaport Diplomatiku) | Bħala Kap tal-Atomic Energy Organization tal-Iran u Viċi President tal-IRGC tal-Iran, il-Brigadier Ġeneral Mohammad Eslami huwa assoċjat direttament ma', jew jagħti appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |
| 47. | Reza-Gholi ESMAELI<br>(رضاقلی اسماعیلی)<br>(magħruf ukoll bħala Rezaqoli ESMAILI) | Data tat-Twelid: 3.4.1961<br>Post tat-Twelid: Teheran, Iran<br>Funzjoni: Kap tad-Dipartiment fl-Aerospace Industries Organisation (AIO)<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Nru tal-passaport: A0002302 maħruġ l-Iran | Reza-Gholi Esmaeli huwa assoċjat mal-Ġeneral tal-IRGC Seyyed Hojatollah Qoraishi u diversi istituzzjonijiet tal-forzi militari u l-gvern Iranjan, b'mod partikolari bħala Kap tad-Dipartiment fl-Aerospace Industries Organisation. Huwa assoċjat ukoll mal-uffiċċju tal-loġistika u tar-riċerka fil-Ministeru għad-Difiża. Għalhekk hu jagħti appoġġ lill-Gvern tal-Iran u huwa assoċjat ma' persuni u entitajiet li jagħtu appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |
| 48. | Mohsen HOJATI<br>(محسن حجتی) | Data tat-Twelid: 28.9.1955<br>Post tat-Twelid: Najafabad, Iran<br>Funzjoni: Kap tal-Fajr Industrial Group<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Nru tal-passaport: G4506013 maħruġ fl-Iran | Mohsen Hojati huwa l-kap tal-Fajr Industrial Group, sussidjarja tal-Aerospace Industries Organization (AIO), sottoentità tal-Ministeru għad-Difiża involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran. Għalhekk, Mohsen Hojati huwa direttament involut fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari u jagħti appoġġ għalih. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 49. | Naser MALEKI<br>(ناصرملکی)<br>(magħruf ukoll bħala Nasser MALEKI;<br>Naser MAALEKI) | Data tat-Twelid: 1960<br>Post tat-Twelid: Iran<br>Funzjoni: Kap tax-Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG)<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Nru tal-passaport: A0003039 maħruġ fl-Iran<br>Nru tal-identità nazzjonali: 0035011785 | Naser Maleki huwa l-Kap tax-Shahid Hemmat Industrial Group (SHIG), li huwa responsabbli għall-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran li jaħdmu bi fjuwil likwidu. Huwa wkoll Uffiċjal tal-Ministeru tad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) li jissorvelja x-xogħol fuq il-programm tal-missili ballistiċi Shahab-3. Għalhekk huwa involut u jagħti appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |
| 50. | Mohammad Baqer ZOLQADR<br>(محمد باقر ذو القدر)<br>(magħruf ukoll bħala Mohammad Baqer ZULQADER;<br>Mohammad Bagher ZOLGHADR) | Data tat-Twelid: 1954<br>Post tat-Twelid: Faisa, Iran<br>Funzjoni: Segretarju tal-Expediency Discernment Council<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel | Mohammad Baqer Zolqadr huwa uffiċjal irtirat tal-IRGC li bħalissa huwa Segretarju tal-Expediency Discernment Council. Il-mexxej suprem, iddelega s-superviżjoni tal-Gvern lil dan ilKunsill Fil-prattika, l-Expediency Discernment Council jappoġġa lill-Gvern tal-Iran billi huwa parti intrinsika mir-reġim. Għalhekk, f'dan ir-rwol, Zolqadr jagħti appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |
| 51. | Ali Akbar AHMADIAN<br>(علی اکبر احمدیان) | Data tat-Twelid: 1961<br>Post tat-Twelid: Kerman, Iran<br>Funzjoni: Segretarju tal-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali (SNSC)<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel | Ali Akbar Ahmadian huwa l-eks kap tal-Persunal Konġunt tal-IRGC u l-eks kap tad-Diviżjoni tal-Ippjanar Strateġiku tal-IRGC. Huwa s-Segretarju attwali tal-Kunsill Suprem tas-Sigurtà Nazzjonali (SNSC), responsabbli għas-sorveljanza tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill. L-SNSC qed jikkoordina l-attivitajiet kollha li jaffettwaw id-difiża tal-Iran u mexxa n-negozjati nukleari tal-Iran. Ahmadian bena l-karriera tiegħu fi ħdan l-IRGC u mexxa ċ-Ċentru Strateġiku tal-IRGC mill-2007 'il quddiem, fejn allegatament kien figura influwenti fit-tiswir ta' politiki ta' sigurtà u dawk militari, kif ukoll fl-iżvilupp tal-programm tal-missili tal-Iran. Għalhekk huwa involut fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 52. | Mehrdad AKHLAGHI-KETABACHI<br>(مهرداد اخلاقی کتابچی) | Data tat-Twelid: 10.9.1958<br>Funzjoni: Direttur tad-Defence Industries Organisation (DIO) u tal-Aerospace Industries Organisation<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Nru tal-passaport: A0030940 maħruġ fl-Iran | Mehrdad Akhlaghi-Ketabachi huwa d-Direttur tad-Defense Industries Organization (DIO), konglomerat ta' kumpaniji mmexxija mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran li l-funzjoni tagħha hija li tipprovdi lill-Forzi Armat i bil-kapaċità ta' manifattura u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa. F'dawn l-aħħar snin, id-DIO pprovat issir orjentata lejn l-esportazzjoni, u b'hekk l-Iran seta' jsir esportatur tal-armi. Huwa wkoll id-direttur tal-Aerospace Industries Organisation li dan l-aħħar ddisinjat il-projettili bi gwida ta' preċiżjoni fuq distanza medja msejħa Kheibar, bl-għan li ssaħħaħ il-Forzi Armati Iranjani fl-oqsma tal-missili, tad-droni, tar-radar u oqsma oħra. Fil-kapaċità tiegħu, Mehrdad Akhlaghi-Ketabachi huwa involut fl-akkwist ta' oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbiti b'appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. Għaldaqstant, Mehrdad Akhlaghi-Ketabachi huwa responsabbli li jipprovdi u jappoġġa l-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |
| 53. | Fereidoun ABASSI-DAVANI<br>(فریدون عباسی دوانی)<br>(magħruf ukoll bħala Fereydoon ABASSI-DAVANI;<br>Fereidun ABASSI-DAVANI;<br>Fereydoun ABASSI-DAVANI;<br>Fereidoon ABASSI-DAVANI;<br>Fereidoun ABBASI-DAVANI) | Data tat-Twelid: 11.7.1958<br>Post tat-Twelid: Abadan, Iran<br>Funzjoni: membru tal-Parlament fl-Iran<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel | Fereidoun Abassi-Davani huwa eks Xjenzat Superjuri tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) u l-eks Kap tal-Iran Atomic Energy Organization. Bħalissa huwa jservi bħala membru tal-Parlament fl-Iran, speċifikament fil-kummissjoni għall-enerġija tiegħu. Huwa xjenzat nukleari superjuri, affiljat mal-IRGC. Meta wieħed iqis is-sħubija tiegħu fil-Parlament Iranjan u l-attivitajiet xjentifiċi tiegħu, Fereydoon Abassi-Davani qed jipprovdi appoġġ lill-Gvern tal-Iran u kien involut direttament fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 54. | Ahmad DERAKHSHANDEH<br>(احمد درخشنده) | Data tat-Twelid: 11.8.1956<br>Post tat-Twelid: Iran<br>Funzjoni: CEO ta’ Shahr Bank<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel | Ahmad Derakhshandeh huwa s-CEO ta’ Shahr Bank. Shahr Bank huwa parti mis-settur finanzjarju tal-ekonomija tal-Iran u jiffinanzja l-gvern Iranjan. Għaldaqstant, fir rwol tiegħu, Ahmad Derakhshandeh jagħti appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |
| 55. | Morteza REZAIE<br>(مرتضی رضایی)<br>(magħruf ukoll bħala Morteza REZAEE;<br>Morteza REZAI) | Data tat-Twelid: 1956<br>Post tat-Twelid: Iran<br>Funzjoni: Membru tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC); konsulent militari għoli għal Ali Khamenei u ibnu Mojtaba Khamenei fl-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem.<br>Grad: Brig. Ġeneral<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel | Morteza Rezaie huwa uffiċjal militari għoli (Brigadier Ġeneral) fi ħdan l-IRGC u kellu diversi pożizzjonijiet fi ħdan l-IRGC għal għexieren ta’ snin. Għalhekk, huwa membru tal-IRGC. Barra minn hekk, huwa konsulent militari għoli għal Ali Khamenei u ibnu Mojtaba Khamenei fl-Uffiċċju tal-Mexxej Suprem. Għalhekk, Morteza Rezaie huwa wkoll persuna li tagħti appoġġ lill-Gvern tal-Iran u lill-persuni assoċjati miegħu. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |
| 56. | Ahmad Vahid DASTJERDI<br>(احمد وحید دستجردی) | Data tat-Twelid: 15.1.1954<br>Post tat-Twelid: Iran<br>Funzjoni: Membru tal-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC); konsulent għall-Ministru għall-Petroleum<br>Grad: Brig. Ġeneral<br>Nazzjonalità: Iranjana<br>Sess: raġel<br>Nru tal-Passaport: A0002987 maħruġ fl-Iran | Ahmad Vahid Dastjerdi huwa Brigadier Ġeneral tal-IRGC, konsulent għall-Ministru għall-Petroleum, eks kap tal-Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran u viċi Ministru għad-difiża. Huwa serva bħala maniġer ġenerali tas-Sepah Cooperative Foundation, fond ta’ investiment kbir marbut mal-IRGC, sa tmiem l-2017. Għalhekk, huwa involut fi, assoċjat direttament ma’, jew jagħti appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta’ proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006)” |

(2) taħt l-intestatura "I. Persuni u entitajiet involuti fl-attivitajiet nukleari jew tal-missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jipprovdu appoġġ lill-Gvern tal-Iran.", jiżdiedu l-entrati li ġejjin mal-lista stipulata taħt is-subintestatura "B. Entitajiet":

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "174. | Naval Defense Missile Industry GROUP<br>(magħruf ukoll bħala Cruise Missile Industry Group;<br>Samen al-Aemeh Industries Group) | Indirizz nru 1: 28 Shian 5, Lavizan, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: P.O. Box 13185/3198, Tehran, Iran<br>Tip ta' entità: sussidjarja tal-Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran | Naval Defense Missile Industry Group (magħruf ukoll bħala Cruise Missile Industry Group) huwa involut fl-iżvilupp ta' sistemi ta' missili bħala sussidjarja tal-Aerospace Industries Organization (AIO), entità kkontrollata direttament mill-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran. Għaldaqstant, in-Naval Defense Missile Industry Group huwa assoċjat ma' entità li tipprovdi appoġġ lill-gvern tal-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |
| 175. | Defence Technology and Science Research Centre (DTSRC)<br>(موسسه آموزشی و تحقیقاتی صنایع دفاعی)<br>(magħruf ukoll bħala Institute for Defense Education and Research;<br>Moassese Amozesh Va Tahghighati) | Indirizz: Pasdaran Av., P.O. Box 19585/777, Tehran, Iran<br>Tip ta' entità: entità tal-gvern<br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Teheran, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL);<br>Defense Industries Organization (DIO)<br>Individwi assoċjati: Aman Allah Paydar (maniġer kummerċjali u aġent tal-akkwist għad-DTSRC);<br>Murat Bukey (aġent tal-akkwist);<br>Asghar Mahmoudi (faċilitatur u kummissarju) | Id-Defence Technology and Science Research Centre (DTSRC) huwa entità tal-gvern ibbażata fl-Iran li twettaq riċerka u żvilupp relatati mad-difiża kif ukoll l-akkwist. Hija proprjetà maġġoritarja tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) u subordinata għalih u taqa' taħt id-Defense Industries Organization (DIO) tiegħu. MODAFL jagħti appoġġ loġistiku lill-Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC); Għalhekk, id-DTSRC jagħti appoġġ lill-Gvern tal-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010<br>UE: 24.4.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 176. | Electro Sanam Company<br>(magħrufa ukoll bħala E. S. Co.; E. X. Co.;<br>Electro Sanam Co.;<br>Electro Sanam;<br>Sanam Industrial Group;<br>Electro Sanam Industries;<br>Sanam Electeronics) | Indirizz nru 1: No. 24, 3rd Floor, Sink St., after Beheshti St., Northern Sohrevardi Ave. 15779 Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: Tehran P.O. Box: 19395/5339, Araj Forkway, Pasdaran Ave., Tehran, Iran<br>Nru tat-telefon:<br>+ 98 21 8757587;<br>+ 98 21 7863352;<br>+ 98 21 88757587<br>Nru tal-fax<br>+ 98 21 8757588;<br>+ 98 21 7867810;<br>+ 98 21 88757588;<br>+ 98 21 22549738<br>Posta elettronika:<br>fadjr@isiran-net.com<br>info@sanamel.com<br>Post tar-reġistrazzjoni: Iran<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1992<br>Numru tar-reġistrazzjoni: 339747<br>Nru tal-ID nazzjonali: 10103864724<br>Post prinċipali tan-negozju: Teheran, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Sanam Industrial Group;<br>Aerospace Industries Organization | Electro Sanam Company hija kumpanija faċċata tal-Aerospace Industries Organization (AIO) li hija involuta fil-programm tal-missili ballistiċi tal-Iran. Għalhekk, Electro Sanam Company hija involuta fi, assoċjata direttament ma', jew tagħti appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 177. | Ettehad Technical Group | Indirizz nru 1: 28 Shian 5, Lavizan, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: P.O. Box 13185/3198, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 3: P.O. Box 19395/6874, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 4: Langare Street, Nobonyad Square, Tehran, Iran<br>Sit elettroniku:<br>https://www.ettehad-group.com/ | Huwa sussidjarja industrijali u militari ewlenija tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) tal-Iran, u jissorvelja l-produzzjoni tal-missili tal-Iran. Ettehad Technical Group huwa kumpanija faċċata tal-AIO involut fil-programm tal-missili ballistiċi u għalhekk huwa assoċjat direttament ma', u jagħti appoġġ għall-attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari tal-Iran, anke permezz ta' involviment fl-akkwist tal-oġġetti, merkanzija, tagħmir, materjal u teknoloġija pprojbiti. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |
| 178. | FAJR INDUSTRIAL GROUP<br>(مجتمع صنعتی قطعات دقیق)<br>(magħruf ukoll bħala Industrial Factories of Precision Machinery (IFP);<br>Fadjr Industries Group (FIG);<br>Nasr Industries Group;<br>Instrumentation Factories Plan (IFP);<br>Instrumentation Factories of Precision-Machinery;<br>Precision Component Project Group;<br>Sasadja Precision Industrial Complex; | Indirizz nru 1: Javadian Far Ave. 212, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: Khavaran Road Km 40, Parchin, Iran<br>Indirizz nru 3: P.O. Box 1985/777, Tehran, Iran<br>Nru tat-telefon: +98 21 88978036<br>Nru tal-fax +98 21 88960239<br>Post tar-reġistrazzjoni: Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati:<br>Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran;<br>Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) | Fajr Industry Group huwa sussidjarja tal-Aerospace Industries Organisation (AIO) tal-Iran, u għalhekk huwa kkontrollat minn entità li tipprovdi appoġġ lill-gvern tal-Iran. Huwa involut fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | Mojtame Santy Ajzae Daghigh;<br>Mojtama-e Sanaty-e Ajza-ye Daqiq;<br>Department 140/16;<br>Instrumentation Factories Plant;<br>Instrumentation Factory Plant;<br>Fajr Industries Group;<br>Fadjr Industrial Group;<br>IFP;<br>Instrumentation Factories Plant (IFP)) | | | |
| 179. | Farayand Technique<br>(تکنولوژی سانتریفیوژ ایران تسا)<br>(magħrufa ukoll bħala Technology of Centrifuge of Iran Company) | Indirizz nru 1: Saadat Abad, Kaj Square, Sarv Gharbi, Sina Medical Building, first floor, unit 8, Tehran, Iran (HQ)<br>Indirizz nru 2: Zobe-Ahan Highway, after highway police station, Siman Road, Ashtarjan industrial city, Sixth Avenue, building of the board of trustees of the industrial city, number 59, Isfahan, Iran (Factory)<br>Post prinċipali tan-negozju: Tehran, Iran; Esfahan, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Atomic Energy Organization of Iran (AEOI);<br>Kalaye Electric Company<br>Individwi assoċjati: Jafar Mohammadi | Farayand Technique hija proprjetà ta' jew marbuta mal-Atomic Energy Organization of Iran (AEOI) u għalhekk hija direttament assoċjata mal-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 180. | 7th of Tir<br>(شركت صنايع هفتم تير)<br>(magħrufa ukoll bħala 7th of Tir Complex;<br>7th of Tir Industrial Complex;<br>7th of Tir Industries;<br>7th of Tir Industries of Isfahan/Esfahan;<br>Haftom-e Tir | Indirizz nru 1: Mobarakeh Road Km 45, Isfahan, Iran<br>Indirizz nru 2: P.O. Box 81465/478, Isfahan, Iran<br>Data tar-reġistrazzjoni: 1997<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Defense Industries Organization (DIO);<br>Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG);<br>Khorasan Metallurgical Industries;<br>Yazd Metallurgical Industries | 7th of Tir (Haftom-e Tir) hija sussidjarja tal-Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) u tad-Defense Industries Organisation (DIO) li tipproduċi bombi u fjusis għal kanuni tat-tip mortar. DIO hija konglomerat ta' kumpanji mmexxija mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran li l-funzjoni tagħha hija li tipprovdi lill-Forzi Armati bil-kapaċità ta' manifattura u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa. Għalhekk, 7th of Tir hija kkontrollata minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |
| 181. | Amin Industrial Complex<br>(مجتمع صنعتي امين) | Indirizz nru 1: Amin Industrial Estate, Khalage Rd., Seyedi District P.O. Box 91735/549, Mashad, Iran<br>Indirizz nru 2: P.O. Box 91735/549, Mashad, Iran<br>Indirizz nru 3: Amin Industrial Estate, Khalage Rd., Seyedi District, Mashad, Iran<br>Indirizz nru 4: Kaveh Complex, Khalaj Rd., Seyedi St., Mashad, Iran<br>Indirizz nru 5: No. 160, Besat Blvd., Ahmad-Abad 2nd 30-Meter St., Mashad, Iran<br>Indirizz nru 6: Km. 8th of Asiaei Rd., Mashad, Iran (Factory)<br>Indirizz nru 7: Khalaj St., End of Seyyedi Alley, 91638 Mashad<br>Sit elettroniku: www.amincomplex.ir<br>Tip ta' entità: fornitur tal-armi militari | Amin Industrial Complex huwa fornitur tal-armi militari li ilu involut fil-proliferazzjoni tat-teknoloġija tal-missili u dik nukleari illeċiti lejn l-Iran permezz ta' intermedjarju Ċiniż. Għaldaqstant, huwa involut fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari mill-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | Post tar-reġistrazzjoni: Mashad, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Defense Industries Organization (DIO);<br>Kaveh Cutting Tools Company | | |
| 182. | Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG)<br>(گروه صنایع مهماتسازی ومتالوژی) | Indirizz nru 1: P.O. Box 16765/1835 Pasdaran Street<br>Address no. 2: Department 145-42 P.O. Box 16765/128 Moghan Avenue, Pasdaran Street<br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Shahid Sattari Industries;<br>Parchin Ammunition Industries;<br>7th of Tir Industries Complex;<br>Yazd Metallurgy Industries;<br>Khorasan Metallurgy Industries;<br>Isfahan Ammunition Industries;<br>Shahid Shiroudi Industries;<br>Shahid Sayyad Shirazi Industries;<br>Defense Industries Organization (DIO) | Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) huwa l-akbar grupp industrijali tad-Defense Industries Organization (DIO). Il-prodotti tiegħu jinkludu munizzjon, bombi għal kanuni tat-tip mortar, piroteknika, mini kontra t-tankijiet u dawk tal-baħar, granati tal-idejn, detonaturi, materjal tar-ram isfar, għodod tal-qtugħ, valvijiet industrijali, kariki ta' perforazzjoni għall-industrija taż-żejt u partijiet industrijali oħra. Huwa magħmul minn għaxar sussidjarji, inkluż Shahid Sattari Industries, Parchin Ammunition Industries, 7th of Tir Industries Complex, Yazd Metallurgy Industries, Khorasan Metallurgy Industries, Isfahan Ammunition Industries, Shahid Shiroudi Industries u Shahid Sayyad Shirazi Industries. Huwa kellu rwol ewlieni fil-manifattura u l-iżvilupp tal-armi u huwa marbut ma' diversi kumpaniji involuti f'attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. Għaldaqstant, huwa involut fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari mill-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 24.3.2007) |
| 183. | Armament Industries Group (AIG)<br>(گروه صنایع تسلیحاتی) | Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Defense Industries Organization (DIO) | Armament Industries Group huwa manifattur kbir tal-armi u sussidjarja tad-Defense Industries Organization (DIO) tal-Iran. DIO hija konglomerat ta' kumpanji mmexxija mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran li l-funzjoni tagħha hija li tipprovdi lill-Forzi Armati bil-kapaċità ta' manifattura u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa. Għalhekk, AIG huwa kkontrollat minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010<br>UE: 24.4.2007) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 184. | Defense Industries Organization (DIO) (سازمان صنایع دفاع جمهوری اسلامی ایران) | Indirizz: Amin Industrial Estate, Khalage Rd., Seyedi District P.O. Box 91735/549, Mashad, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Kaveh cutting tool company;<br>7th of Tir Industries;<br>Khorasan Metallurgy Industries;<br>Aviation Industries Organization (AvIO);<br>Aerospace Industries Organization (AIO);<br>Iran Electronics Industries (IEI); Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) | Id-Defense Industries Organization (DIO) hija konglomerat ta' aktar minn 300 kumpanija u sussidjarja tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL) li l-funzjoni tagħha hija li tipprovdi lill-Forzi Armati bil-kapaċità ta' manifattura u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa. Hija kellha rwol ċentrali fil-programm ta' żvilupp tal-missili ballistiċi tal-Iran u fl-implimentazzjoni tal-programm taċ-ċentrifugi tal-Iran. Id-DIO tissorvelja għadd kbir ta' kuntratturi u kumpaniji faċċata tal-istat fil-qasam tad-difiża direttament jew permezz tas-sussidjarja primarja tagħha, l-Aerospace Industries Organisation. Hija għandha rwol sinifikanti fil-produzzjoni ta' diversità ta' hardware militari għall-Iran, inkluż missili. Fis-snin reċenti, id-DIO ppruvat torjenta ruħha lejn l-esportazzjoni u dan ippermetta lill-Iran isir esportatur tal-armi: fl-2022, id-DIO kibret b'200 % meta mqabbel mal-2021, żviluppat 75 arma ġdida u mmultiplikat l-esportazzjonijiet tagħha b'2,5, u b'hekk ikkontribwiet għat-tkabbir tal-industrija tad-difiża tal-Iran. Għaldaqstant, id-DIO qed tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u għall-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |
| 185. | Kaveh Cutting Tools Company<br>(magħrufa ukoll bħala Abzar Boresh Kaveh Co. Persian;<br>Mojtame-e Abzar Boreshi Kaveh) | Indirizz nru 1: Km 4 Khalaj Road, end of Seyyedi Street, Mashad 91638, Iran<br>Indirizz nru 2: P.O. Box 91735/549, Mashad, Iran<br>Indirizz nru 3: 3rd Km of Khalaj Road, Seyyedi Street, Mashad, Iran<br>Indirizz nru 4: Moqan St., Tehran, Iran<br>Sit elettroniku:<br>www.kavehtools.ir<br>Post tar-reġistrazzjoni: Mashad, Iran | Kaveh Cutting Tools Company hija kumpanija tal-manifattura Iranjana li kienet involuta fil-produzzjoni ta' komponenti għaċ-ċentrifugi IR-1 tal-Iran, u fl-akkwist għall-programm taċ-ċentrifugi tal-Iran. Hija kkontrollata mill-Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) u subordinata għad-Defense Industries Organization (DIO). Għaldaqstant, hija involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jew fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari mill-Iran. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| | | Data tar-reġistrazzjoni: 1993<br>Post prinċipali tan-negozju: Mashad, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Abzar Boresh Kaveh Co.;<br>Defence Industries Organisation (DIO);<br>Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG) | | |
| 186. | Khorasan Metallurgy Industries<br>(صنایع مهمات سازی و متالورژی خراسان)<br>(magħrufa wkoll bħala Khorasan Metallurgy;<br>Khorasan Ammunition and Metallurgy Industries;<br>Khorasan Metalogy Industries;<br>The Metallurgy Industries of Khorasan;<br>Metalogy Industry of Khorasan<br>Preċedentement magħrufa bħala: Amin Industrial Complex) | Indirizz: 2nd km of Khalaj Road End of Seyyedi St., P.O.Box 91735-549, 91735 Mashad, Iran.<br>Sit elettroniku: www.khwarizmi.ir<br>Nru tat-telefon: +98 511 3853008;<br>+98 511 3870225<br>Tip ta' entità: kumpanija pubblika<br>Post tar-reġistrazzjoni: Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG);<br>Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL);<br>Defense Industries Organization (DIO) | Khorasan Metallurgy Industries tagħmel parti mid-Defense Industries Organization (DIO) tal-Iran u hija sussidjarja tal-Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG). Hija responsabbli għall-produzzjoni ta' munizzjon u komponenti taċ-ċentrifugi kif ukoll għodod u prodotti tal-qtugħ bħal drills, milling cutters, viti, reamers, u għodod komposti. Hija qed tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 187. | Shahid Sayyade Shirazi Industries<br>(magħrufa wkoll bħala Shahid Sayyade Shirazi Industries;<br>Sayyad Shirazi Industries;<br>Sayad Shirazi;<br>Sayad Shirazi industries;<br>Sayad Shirazi industry;<br>Shaheed Sayad Shirazee ammunition industries;<br>Shahid Sayyadi Shirazi Industries;<br>Shahid Sayyed Shirazi Ind.) | Indirizz nru 1: Next To Nirou Battery Mfg. Co, Shahid Babaii Expressway, Nobonyad Square, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: Pasdaran St., P.O. Box 16765, Tehran 1835, Iran<br>Indirizz nru 3: Babaei Highway - Next to Niru M.F.G, Tehran, Iran<br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG);<br>Defense Industries Organization (DIO)<br>Individwi assoċjati: Shahid Sayyad Shirazi (eks viċi kap tal-persunal tal-Forzi Armati tal-Iran) | Shahid Sayyad Shirazi Industries huwa produttur tal-missili proprjetà ta' Shahid Sayyad Shirazi, eks viċi kap tal-persunal tal-Forza Armata tal-Iran li hija assoċjata mal-industrija militari Iranjana. Shahid Sayyad Shirazi Industries ilu jipprova jakkwista metalli miċ-Ċina li jintużaw f'armi ta' teknoloġija avvanzata, inkluż missili nukleari fuq distanza twila. Jagħmel parti mill-Ammunition and Metallurgy Industries Group (AMIG), li kellu rwol ewlieni fil-manifattura u l-iżvilupp tal-armi u huwa assoċjat ma' diversi kumpaniji involuti f'attivitajiet nukleari li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni, u huwa sussidjarja tad-Defense Industries Organization (DIO) li hija direttament involuta fl-iżvilupp ta' missili. Huwa għalhekk ikkontrollat minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |
| 188. | Joza Industrial Co. | Indirizz: P.O. Box 16595/159, Tehran, Iran<br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Data tar-reġistrazzjoni: 3.3.2008<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: AIO (Aerospace Industries Organization);<br>SHIG (Shahid Hemmat Industrial Group) | Joza Industrial Co. hija kkontrollata mill-Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran, li hija involuta fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. Dan l-aħħar hija ddisinjat il-projettila bi gwida ta' preċiżjoni fuq distanza medja msejħa Kheibar, bl-għan li ssaħħaħ il-Forzi Armati Iranjani fl-oqsma tal-missili, tad-droni u tar-radar. Joza Industrial Co. hija għalhekk ikkontrollata minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 189. | Kalaye Electric Company (KEC)<br>(magħrufa wkoll bħala Kola Electric Co.;<br>Kala Electric;<br>Kola Electric Company;<br>Kalia;<br>Kalaye Electric Co.;<br>Kala Electric Company;<br>Kalay Electric Company;<br>KEC) | Indirizz: 33 Fifteenth Street, Seyed Jamaleddin Assadabadi Avenue, Tehran, Iran<br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran | Kalaye Electric Company hija manifattur ta' ċentrifugi avvanzati għall-programm nukleari tal-Iran, b'mod partikolari l-mudell IR-8, kif ukoll sit ta' riċerka u żvilupp li jaħdem fuq ċentrifugi għall-Atomic Energy Organization of Iran. Hija għalhekk involuta fi u tipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 23.12.2006) |
| 190. | M Babaie Industries<br>(magħrufa ukoll bħala Shahid Babaie Industries Complex;<br>SBIC;<br>Shahid Babaie Industrial Complex;<br>Shaheed Babaie Industries;<br>Shahid Babaii Industries;<br>sh. Babaie industries) | Indirizz: Kalery Bldg., Damovand Road, Tehran 1916, Iran<br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Aerospace Industries Organization (AIO) | M Babaie Industries hija subordinata għall-Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran, li hija involuta fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. M. Babaie Industries tiżviluppa teknoloġiji ta' missili għall-benefiċċju tal-Forza tal-Ajru tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran, bħal verżjoni mtejba tal-missila ta' difiża tal-ajru MIM-23B. Hija għalhekk ikkontrollata minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni (AIO). | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 191. | Malek Ashtar University | Indirizz nru 1: Shahin Shahr Township, End of Ferdowsi Avenue, P.O. Box 83154/115, Isfahan, Iran<br>Indirizz nru 2: Corner of Imam Ali Highway and Babaei Highway, Tehran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL);<br>Islamic Revolutionary Guard Corps (IRGC);<br>Defense Technology and Science Research Center (DTSRC) | Malek Ashtar University hija università Iranjana subordinata għad-Defense Technology and Science Research Center (DTSRC) li tappoġġa l-ħtiġijiet ta' edukazzjoni u ta' riċerka u żvilupp tal-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati tal-Iran (MODAFL). Il-membri tal-fakultà tagħha wettqu riċerka rilevanti għall-missili u l-enerġija nukleari. Huma kienu involuti wkoll fl-akkwist illeċitu ta' oġġetti elenkati fl-MTCR bi ksur tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Għalhekk, hija direttament assoċjata mal-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010<br>UE: 24.6.2008) |
| 192. | Mizan Machinery Manufacturing<br>(magħrufa wkoll bħala 3MG;<br>Mizan;<br>Mizan Machine;<br>3M Mizan Machinery Manufacturing) | Indirizz: P.O. Box 16595/365, Tehran, Iran<br>Post tar-reġistrazzjoni: Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Teheran, Iran<br>Entitajiet assoċjati: Aerospace Industries Organisation (AIO) | Mizan Machinery Manufacturing qed taġixxi f'isem l-Aerospace Industries Organization (AIO) tal-Iran u hija kkontrollata minnha, u hija involuta fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. Hija kienet involuta fi tranżazzjonijiet kummerċjali relatati ma' materjal sensittiv relatat mal-missili ballistiċi. Għalhekk qed tipprovdi appoġġ għal sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 9.6.2010<br>UE: 24.6.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 193. | Niru Battery Manufacturing Company<br>(شرکت باطری سازی نیرو)<br>(magħrufa ukoll bħala Niru Battery Manufacturing Company;<br>Niru Batteries MFG. Co. Ltd.;<br>Nour Battery Manufacturing Company;<br>Sherkate Battrijazi Niru;<br>Niru Battery Co;<br>Niru Battery Mfg. Co.;<br>Nirou Battery Manufacturing Saba Battery Company;<br>Niru Co. Ltd.;<br>Sherkat Battery Sazi Niru Sahami Khass;<br>The Niru Battery Company;<br>Niru Battery Manufacturing (Batrisazi-ye Niru);<br>Niru Battery Mfg.CO (Saba Battery);<br>Sherkate Batri-e Niru;<br>Power Energy Source Development Company (ESDO)) | Indirizz nru 1: Nobonyad Blvd., Pasdaran Avenue, P.O. Box 19575/361, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 2: Next to Babee Exp. Way, Nobonyad Sq., Tehran, Iran<br>Indirizz nru 3: Next to Shahid Babaei Exp. way, Nobonyad Sq., 16689, Tehran, Iran<br>Indirizz nru 4: End of Pasdaran Avenue, Nobonyad Square, Tehran, Iran<br>Nru tat-telefon:+98 21 251 0523/<br>254 7093;<br>+ 98 21 22547094;<br>+ 98 21 22567608-9;<br>+ 98 21 2545084<br>Sit elettroniku: www.nirubattery.com;<br>www.niruco.com<br>Posta elettronika: info@nirubattery.com<br>export@niruco.com<br>niru@isiran.com<br>Post tar-reġistrazzjoni: Teheran, Iran<br>Post prinċipali tan-negozju: Iran<br>Entitajiet assoċjati: Saba Battery;<br>Defense Industries Organization (DIO);<br>Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL) | Niru Battery Manufacturing Company hija entità rreġistrata fl-Iran li timmanifattura unitajiet ta' potenza għall-militar Iranjan, inkluż għal sistemi ta' missili. Hija kkontrollata mill-Ministeru għad-Difiża u l-Loġistika tal-Forzi Armati (MODAFL), responsabbli għall-programmi ta' riċerka, żvilupp u manifattura għad-difiża tal-Iran, inkluż appoġġ għal programmi tal-missili u programmi nukleari. Niru Battery Manufacturing Company hija sussidjarja tad-Defense Industries Organization (DIO), konglomerat ta' kumpanji mmexxija mir-Repubblika Iżlamika tal-Iran, li l-funzjoni tagħha hija li tipprovdi lill-Forzi Armati bil-kapaċità ta' manifattura u l-kapaċitajiet tekniċi meħtieġa. Niru Battery Manufacturing Company hija għalhekk ikkontrollata minn entità involuta fl-attivitajiet nukleari tal-Iran li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni u fl-iżvilupp ta' sistemi ta' twassil ta' armi nukleari. | 17.10.2023<br>(NU: 3.3.2008) |

| | Isem | Informazzjoni identifikattiva | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
